# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 186/2016 MH**

**Illum, 6 ta' Gunju, 2018**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

1. **Adrian Busietta (K.I. Numru 94835 (M)) li b' digriet tas-26 ta' Lulju 2017 gew nominati Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Louisa Tufigno sabiex jirraprezentaw lill-istess Adrian Busietta; u b'digriet tat-18 ta' Marzu, 2018 l-istess Kuraturi deputati gew mahtura sabiex jirraprezentaw l-eredita gjacenti tal-istess Adrian Busietta;**
2. **Marija Caruana (K.I. Numru 441138 (M))**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors**[1] tal-Bank attur li gie prezentat fit-8 ta' Marzu, 2016;

[1] Folio 1

*"Illi, in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri, datat 23 ta' Gunju 2008 (Dok "A"), l-intimati iddikjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' erba' mija u sitta u erbghin elf, erba' mija u disa' Ewro u tnax-il centezmu (€446,409.12) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.*

*Illi, d-debitu tal-intimati mas-socjeta' rikorrenti illum jammonta ghas-somma ta' seba' mija u ghaxart elef, tlett mija u hamsa u hamsin Ewro u erbghin centezmu (€710,355.40) (Dok. "B"), kwantu ghal erba' mija u disgha u ghoxrin elf, seba' mija u erbgha u tmenin Ewro u erba' centezmi (€429,784.04) sorte u kwantu ghall-mitejn u tmenin elf, hames mija u wiehed u sebghin Ewro u sitta u tletin centezmu (€280,571.36) imghax legali sal-24 ta' Frar 2016, flimkien mal-ispejjez u mal-imghax ulterjuri mill-25 ta' Frar 20168 sal-jum tal-pagament effettiv;*

*Illi, ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt datat 23 ta' Gunju 2008 in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-istess intimati.*

Rat id-digriet taghha datat 25 ta' Mejju, 2016[2].

[2] Fol 11

Rat id-dokumenti kollha esebiti mal-istess rikors promotur.

Rat li fil-mori tal-kawza miet il-konvenut Adrian Busietta u ghalhekk il-Bank attur ghadda biex jitlob li jillegittima l-atti f'isem Maria Angelique sive Marija Caruana bhala eredi universali ta' l-imsemmi decujus Adrian Busietta.[3]

Rat ir-risposta ta' Maria Angelique Caruana ghal din it-talba.[4]

Rat li minhabba tali risposta b'rikors iehor il-bank attur premetta illi in vista ta' dak li wiegbet Maria Angelique Carruana cioe' li kienet ghadha ma accettatx il-wirt, ghadda biex jitlob lill-Qorti biex tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-mejjet Adrian Busietta fil-gudizzju.[5]

Rat li in vista tal-fatt li hadd ma accetta l-kurazija, illi gew nominati Dr.Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Luisa Tufigno[6] ghal dan l-iskop.

Rat **ir-risposta**[7] ta' l-Avukat Simon Micallef Stafrace (K.I. 522463M) u l-PL Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-mejjet Adrian Busietta:

*"Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jippresentaw risposta motivate f' kaz u jekk jigu edotti mill-fatti."*

[3] Ara rikors a fol 32.
[4] Fol. 48
[5] Fol. 50
[6] Fol 68
[7] Folio 73

Rat li pero sussegwentement l-bank rikorrenti talab li l-kuraturi kellhom ikunu in rapprezentanza ta' l-eredita' gjacenti ta' Adrian Busietta u talab il-korezzjoni opportuna, b'hekk il-kuraturi deputati kellhom jkunu nominati biex jirraprezentaw lill-eredita' gjacenti ta' Adrian Busietta.[8]

Rat li l-Qorti laqghat it-talba ghal korezzjoni u li l-kuraturi notifikati b'dan, prezentaw nota u zammu in vigore l-eccezzjoni gia minnhom mressqa.[9]

Rat li ghajr ghal provi mressqa mill-bank attur in sostenn tat-talba tieghu ma tressqu ebda provi ohra biex jilqghu ghat-talba, anzi gie registrat mill-kuratur deputat, illi stante li hawn si tratta ta' ammont definit f'kostituzzjoni ta' debitu quddiem nutar pubbliku, l-ammont mhux qed jigi kkontestat.[10]

**Konsegwentement qeghda taqta u tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-Bank rikorrenti u tawtorizzah li jghaddi biex jezegwixxi il-kuntratt datat 23 ta' Gunju, 2008 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok. A) fl-ismijiet imsemmija fl-istess kuntratt bl-ispejjez kontra l-intimati noe.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

[8] Fol 77
[9] Fol 80
[10] Fol. 76

**Victor Deguara**

**Dep. Reg.**